



2019/2096(DEC)

21.1.2020

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil għas-sena finanzjarja 2018

(2019/2096(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Roberta Metsola

PA_NonLeg

SUGGESTIONS

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar fl-importanza tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil ("EASO" jew "l-Uffiċċju") għall-iżvilupp tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u jenfasizza l-kontribut pożittiv tal-Uffiċċju għal kooperazzjoni Prattika msaħħa tal-Istati Membri dwar l-asil fl-Ewropa, filwaqt li jassisti lill-Istati Membri biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom fir-rigward tal-għoti ta' protezzjoni lill-persuni fil-bżonn, u jaġixxi bħala ċentru ta' għarfien esperti dwar l-asil; jenfasizza li l-Uffiċċju għandu dejjem jirrispetta s-sovranità tal-Istati Membri meta jwettaq l-attivitajiet tiegħu;
2. Ifakkar fl-irregolaritajiet fl-Uffiċċju li ġew irrappurtati mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) fl-2017 u r-rakkomandazzjonijiet tal-OLAF ta' azzjoni dixxiplinarja lill-Bord ta' Tmexxija tal-Uffiċċju, id-deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija tal-Uffiċċju tas-6 ta' Ġunju 2018 li d-Direttur Eżekuttiv jinħeles mill-funzjonijiet tiegħu b'effett immedjat, in-nomina ta' Direttur Eżekuttiv *ad interim* fis-6 ta' Ġunju 2018 u l-ħatra ta' Direttur Eżekuttiv ġdid fis-16 ta' Ġunju 2019;
3. Jilqa' l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti") iddikjarat li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-EASO għas-sena finanzjarja 2018 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha u li l-pożizzjoni finanzjarja tiegħu sal-31 ta' Diċembru 2018 hija rappreżentata b'mod ġust; jirrimarka, madankollu, li l-Qorti ħarġet opinjoni tal-awditjar kwalifikata ("nadifa") dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti; jinnota l-ispjegazzjoni tal-Qorti li l-opinjoni kwalifikata nħarġet b'relazzjoni mat-titjib li sar bil-mod tas-sitwazzjoni mhux sodisfaċenti rrapportata għall-2017 fir-rigward tal-arranġamenti ta' governanza u ta' kontroll intern tal-Uffiċċju, riflessa minn akkwist pubbliku irregolari maġġuri ieħor, u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet;
4. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Uffiċċju jistabbilixxi kapaċità ta' awditjar intern flimkien ma' politika ta' verifika *ex post* effettiva, sabiex jiggarantixxi li t-tranżazzjonijiet kollha jkunu legali u regolari;
5. Jinnota li l-baġit tal-EASO żdied sostanzjalment minn EUR 79 miljun għal EUR 98 miljun (li jirrappreżenta żieda ta' 24 %) filwaqt li l-persunal żdied biss minn 200 għal 207 (li jirrappreżenta żieda ta' 3,5 %); jinsab imħasseb dwar is-sejba tal-Qorti li l-fondi ta' kontinġenza fil-baġit tal-EASO biex ikopru bżonnijiet operattivi urġenti u mhux previsti kienu nieqsa; jistieden lill-Uffiċċju jsahha id-djalogu mal-Kummissjoni u mal-awtorità baġitarja fir-rigward tal-ippjanar operattiv u l-allokazzjoni tar-riżorsi tiegħu, speċjalment fid-dawl tan-natura tal-attivitajiet operattivi tal-EASO; jilqa' l-fatt li r-rapport tal-Qorti rrikonoxxa li, mill-61 miżura fil-pjan ta' azzjoni, 30 miżura tlestew filwaqt li 31 kellhom status pendenti; jenfasizza li trattament effiċjenti, ġust u uman tal-applikazzjonijiet tal-persuni li jfittxu asil huwa prijorità tal-Unjoni; jilqa' f'dan ir-rigward l-intenzjoni tal-EASO li jistabbilixxi proċessi sodi u ppjanar f'waqtu għal sitwazzjonijiet ta' kontinġenza;

6. Jinsab allarmat bil-fatt li l-Qorti sabet li s-sitwazzjoni tar-riżorsi umani fl-Uffiċċju marret għall-aġar b'mod esponenzjali sa tmiem l-2017 u li l-maġġoranza tal-pożizzjonijiet vakanti, b'mod partikolari għall-manigġers fid-dipartiment tal-amministrazzjoni, kienu għadhom mhux mimlija fi tmiem l-2018; jiddispijaċih dwar il-fatt li għal mill-inqas sentejn wara xulxin is-sitwazzjoni tar-riżorsi umani tal-Uffiċċju ma ġietx solvuta; iħeġġeġ lill-Uffiċċju jieħu azzjoni immedjata biex tinstab soluzzjoni permanenti u sostenibbli għal din il-kwistjoni; iħeġġeġ lill-Uffiċċju jagħti prijorità lill-mili tal-pożizzjonijiet vakanti ta' manigġment intermedju b'persunal permanenti bi kwalifiki għolja, sabiex jitħarrġu l-membri l-ġodda l-oħra tal-persunal;
7. Jiddispijaċih dwar id-dipendenza qawwija tal-EASO fuq il-ħaddiema interim biex jikkumpensa għan-nuqqas ta' esperti nazzjonali sekondati li l-Istati Membri huma obbligati jibagħtu skont ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament u tal-Kunsill; jinnota li din id-dipendenza fuq il-ħaddiema interim, għall-kuntrarju tal-użu tant meħtieġ ta' esperti mill-Istati Membri, tista' twassal biex l-EASO ma jkunx jista' jipprovdi lill-Istati Membri b'appoġġ kritiku għas-sistemi tal-asil tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi tagħhom fir-rigward tas-sekondar ta' persunal; iħeġġeġ lill-Uffiċċju jsegwi r-rakkomandazzjoni tal-Qorti biex janalizza, flimkien mal-awtoritajiet baġitarji, l-effiċjenza tal-persunal estern fil-konfront tal-kostijiet b'relazzjoni mal-persunal statutorju u jekk il-qafas legali applikabbli huwiex rispettata bis-sħiħ, speċjalment fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol; iqis, fi kwalunkwe każ, li l-persunal tal-EASO għandu jżied biex l-Uffiċċju jkun jista' jwettaq b'mod xieraq id-dmirijiet fdati lilu; jilqa', f'dan ir-rigward, il-pjan ta' reklutaġġ ambizzjuż stabbilit sadanittant u l-impatt pożittiv tiegħu fuq il-mili ta' pożizzjonijiet vakanti;
8. Jiddeplora l-fatt, li ġie kkonstatat mill-Qorti, li l-aderenza tal-Uffiċċju mal-mira ta' tnaqqis ta' 5 % tal-persunal wasslet għal nuqqas fil-qasam tas-servizzi tal-IT kemm fil-Greċja kif ukoll fl-Italja; jinnota bi tħassib li l-Uffiċċju juża kuntratti ta' servizz għall-forniment ta' servizzi tal-IT u servizzi oħra ta' konsulenza li ġew ifformulati b'tali mod li jstgħu jimplikaw l-assenjazzjoni ta' ħaddiema interim minflok il-forniment ta' servizzi jew prodotti definiti b'mod ċar; jirrikonoxxi li n-natura tal-operazzjonijiet tal-Uffiċċju tagħmilha diffiċli li jtbassru l-iskadenzi u d-durata tal-kuntratti rilevanti iżda jistieden lill-Uffiċċju jiżgura li l-kuntratti jiġu fformulati b'mod li jipprevjeni kwalunkwe konfużjoni bejn l-akkwist ta' servizzi tal-IT u ta' ħaddiema interim;
9. Jinnota t-tweġibiet tal-EASO għall-osservazzjonijiet tal-Qorti u l-isforzi li saru biex jindirizzahom taħt id-Direttur Eżekuttiv il-ġdid, fost l-oħrajn billi jagħti prijorità lill-konklużjoni ta' arranġamenti ta' akkoljenza mal-Italja, il-Greċja u Ċipru rigward l-akkomodazzjoni ta' timijiet ta' appoġġ fil-qasam tal-asil u forzi oħra tal-EASO fl-Istati Membri, billi jżid it-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ u billi jsaħħaħ il-funzjoni legali tal-EASO matul l-2019;
10. Jilqa' l-passi konkreti u pożittivi meħuda mill-Uffiċċju fir-riforma tal-governanza organizzattiva tiegħu permezz tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Governanza tal-EASO, approvat mill-Bord ta' Tmexxija fl-2018; jinnota li għad iridu jitlestew madwar nofs l-azzjonijiet korrettivi mnedija mill-manigġment tal-Uffiċċju; jilqa' b'mod partikolari l-azzjonijiet korrettivi stabbiliti fir-rigward tal-istandards ta' kontroll intern; jistieden lill-EASO jtejjeb aktar il-proċessi ta' kontroll intern tiegħu billi jiddedika attenzjoni speċifika għall-introduzzjoni ta' "politika ta' karigi sensitivi", inkluża mitigazzjoni ta'

mekkaniżmi ta' kontroll u mobilità tal-persunal biex ir-riskji assoċjati ma' funzjonijiet sensittivi jiġu ġestiti aħjar;

11. Jinnota l-preżentazzjoni ta' organigramma ġdida mid-Direttur Eżekuttiv lill-Bord ta' Tmexxija, fis-26 ta' Novembru 2019; iqis li riorganizzazzjoni tal-persunal għandha tikkontribwixxi għal kontroll intern, aċċertament tal-kwalità u ġestjoni tar-riskju msaħħa, u għall-konformità ma' azzjonijiet rikjesti mill-Qorti u mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI
OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	13.1.2020
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 48 -: 8 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Konstantinos Arvanitis, Malik Azmani, Pietro Bartolo, Nicolas Bay, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Saskia Bricmont, Damien Carême, Caterina Chinnici, Tudor Ciuhodaru, Clare Daly, Lena Düpont, Cornelia Ernst, Sylvie Guillaume, Balázs Hidvéghi, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Patryk Jaki, Assita Kanko, Fabienne Keller, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Roberta Metsola, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Kostas Papadakis, Nicola Procaccini, Emil Radev, Paulo Rangel, Terry Reintke, Ralf Seekatz, Michal Šimečka, Birgit Sippel, Sylwia Spurek, Tineke Strik, Ramona Strugariu, Tom Vandendriessche, Bettina Vollath, Ann Widdecombe, Elena Yoncheva, Javier Zarzalejos
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Damian Boeselager, Patrick Breyer, Delara Burkhardt, Lucia Āuriš Nicholsonová, Monika Hohlmeier, Beata Kempa, Ondřej Kovařík, Kris Peeters, Robert Roos, Miguel Urbán Crespo, Loránt Vincze, Petar Vitanov, Axel Voss, Maria Walsh
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Lukas Mandl

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

48	+
PPE	Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Lena Düpont, Balázs Hidvéghi, Monika Hohlmeier, Jeroen Lenaers, Lukas Mandl, Roberta Metsola, Kris Peeters, Emil Radev, Paulo Rangel, Ralf Seekatz, Loránt Vincze, Axel Voss, Maria Walsh, Javier Zarzalejos
S&D	Pietro Bartolo, Delara Burkhardt, Caterina Chinnici, Tudor Ciuhodaru, Sylvie Guillaume, Evin Incir, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Birgit Sippel, Sylwia Spurek, Petar Vitanov, Bettina Vollath, Elena Yoncheva
RENEW	Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Moritz Körner, Ondřej Kovařík, Maite Pagazaurtundúa, Michal Šimečka, Ramona Strugariu
VERTS/ALE	Damian Boeselager, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Damien Carême, Alice Kuhnke, Terry Reintke, Tineke Strik
ECR	Lucia Ďuriš Nicholsonová
GUE/NGL	Konstantinos Arvanitis, Clare Daly, Miguel Urbán Crespo

8	-
ID	Nicolas Bay, Tom Vandendriessche
ECR	Patryk Jaki, Assita Kanko, Beata Kempa, Robert Roos
NI	Kostas Papadakis, Ann Widdecombe

2	0
ECR	Nicola Procaccini
GUE/NGL	Cornelia Ernst

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni